MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 176/2007

**HSBC BANK MALTA PLC (C3177)**
**Vs**
**KEVIN CASSAR (I.D. 43270 M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fid-19 ta’ Frar, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta rikorrenti toffri servizzi bankarji, fosthom dawk ta' self ta' flus;

Illi l-intimat, permezz ta' skrittura datata 9 ta' Novembru, 2006 (Dok. A), ffirmata bejn l-istess intimat u rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, ha b'self is-somma ta' sebat elef Liri Maltin (LM 7,000.00) taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess skrittura, u liema self illum ghandu n-numru tal-kont 042-127456-300;

Illi l-ammont dovut fuq dan il-kont, inkluzi l-imghaxijiet skond ir-rata miftiehma bejn il-partijiet u kapitalizzati sat-12 ta' Frar, 2007, illum ilahhaq is-somma ta' sebat elef, mija u tnejn u erbghin Lira u centezmu wiehed (Lm7,142.01) - u dana hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi inoltre, l-intimat ha b'self permezz ta' VISA Credit Card is-somma ta' elf, mija u tmienja u erbghin Lira u sitta u sittin centezmi (LM1,148.66), liema self illum ghandu n-numru tal-kont 042-127456-340;

Illi l-ammont dovut fuq dan il-kont, inkluzi l-imghaxijiet skond ir-rata miftiehma bejn il-partijiet u kapitalizzati sat-12 ta' Frar, 2007, illum ilahhaq is-somma ta' elf, mija u disgha u erbghin Lira u tnejn u erbghin centezmi (Lm1,149.42) - u dana hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok C;

Illi apparti s-self gja msemmi, l-intimat ha b'self permezz ta' "Overdraft Account" li jgib in-numru 037-007531-001, is-somma ta' hames mija u disgha u disghin Lira u sittin centezmi (Lm599.60), inkluzi l-imghaxijiet kapitalizzati sat-12 ta' Frar, 2007 - u dana hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. D;

Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' Frar, 2007 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. E), is-socjeta' rikorrenti irrikjamat is-self kollu dovut mill-intimat, li jlahhaq is-somma totali ta' tmint elef, tmien mija u wiehed u disghin Lira u tlett centezmi (Lm8,891.03) u dana stante illi l-istess intimat baqa' moruz fir-ripagamenti mensili tieghu, u ghadu moruz sal-lum;

Illi fil-fehma tas-socjeta rikorrenti dan id-dejn huwa cert, dovut, u likwidu, u l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet rikorrenti;

Talab lill-intimat ighid ghaliex ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikkjara illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fis-somma komplessiva ta' tmint elef, tmien mija u wiehed u disghin Lira u tlett centezmi (Lm8,891.3);
3. Tikkundanna l-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tmint elef, tmien mija u wiehed u disghin Lira u tlett centezmi (Lm8,891.3), bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-12 ta' Frar, 2007 sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 208/2007 pprezentat fit-13 ta' Frar, 2007, kontra l-intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-bank attur u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa’ kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Semghet lil Dr Dodebier, ghall-bank attur, tiddikjara illi l-konvenut baqa’ ma hallas xejn;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-bank attur kif dedotta fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' tmint elef, tmien mija u wiehed u disghin Lira u tlett centezmi (Lm8,891.03) dovuta kif inghad; bl-imghax legali kif dedotti u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------